# IL-KAPPILLAN TA' KNISJA MWARRBA

Minn mindu ġejt, Madonna, f'dil-kappella
imdawra bil-għelieqi,
'il bogħod mill-eqreb raħal,
mill-ewwel drajt lil dawn il-gabillotti;
m'għandekx l-irħam iżejjen lil artalek,
'mma biss injam u żonqor;
id-deheb ma tafx x'inhu;
il-fjur quddiemek
biss xi ftit sardinell minn ġo xi bitħa,
jew ftit rančis mill-blat...
U x'riħa jkollhom fuqhom
il-gabillotti!
riħa ta' mogħoż u bodbod
fuq l-ilbies tagħhom:
riħa ta' tewm u basal
ħierġa minn fommhom;
xi darba r-riħa
li tagħmel il-fażola
tisboq saħansitra
dik tal-inċens!
Iżd'inti drajt, Madonna,
u fuq is-siġġu
int dejjem hemm, titbissem, b'ħarsa ħelwa
li fil-qalb tinżel
ta' dawn il-gabillotti
ħelwa daqs il-għasel.
Mhux hekk il-Kappillan, Madonna;
dan jixtieq f'qalbu
jagħmilha mal-pulit:
iħobb jindilek
bl'eau de cologne;
jixtieq suttana ħamra,
ružetta fuq subgħajh u mitra f'rasu,
jixtieq min isejjaħlu
Monsinjur!

16.12.77

ANTON BUTTIGIEG